



# UNJONI EWROPEA

IL- PARLAMENT EWROPEW

IL-KUNSILL

Brussell, 8 ta' April 2011  
(OR. en)

2010/0255 (COD)

PE-CONS 9/11

PECHE 63  
CODEC 338

## ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett:                   REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li  
jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 850/98 dwar il-  
konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd permezz ta' miżuri tekniċi għall-  
protezzjoni ta' żgħar ta' organiżmi tal-baħar u r-Regolament tal-Kunsill  
(KE) Nru 1288/2009 li jistabbilixxi miżuri tekniċi tranżitorji mill-  
1 ta' Jannar 2010 sat-30 ta' Ġunju 2011

**REGOLAMENT (UE) Nru .../2011**  
**TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**ta'**

**li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 850/98**  
**dwar il-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd permezz ta' miżuri tekniċi**  
**għall-protezzjoni ta' żgħar ta' organiżmi tal-baħar u**  
**r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1288/2009 li jistabilixxi miżuri tekniċi tranżitorji**  
**mill-1 ta' Jannar 2010 sat-30 ta' Ġunju 2011**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġislattiv lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew<sup>1</sup>

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja<sup>2</sup>,

---

<sup>1</sup> ĠU C 84, 17.3.2011, p. 47.

<sup>2</sup> Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' April 2011 (għadha mhix publikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u deċizzjoni tal-Kunsill ta' ...

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1288/2009 jipprovdi għall-kontinwazzjoni ta' miżuri tekniċi temporanji li qabel kienu koperti mill-Anness III għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 43/2009, u b'hekk jippermetti li daww il-miżuri jkomplu japplikaw sal-adozzjoni tal-miżuri permanenti.
- (2) Fid-dawl tar-riforma tal-Politika Komuni tas-Sajd (PKS) li għandha titwettaq dalwaqt, u r-rilevanza tagħha għall-kontenut u l-ambitu tal-miżuri tekniċi permanenti, huwa xieraq li l-adozzjoni ta' tali miżuri tiġi posposta sakemm ikun implimentat qafas leġislattiv ġdid.
- (3) Sabiex tinżamm konservazzjoni u ġestjoni korretti tar-riżorsi tal-baħar, u billi jista' jiġi mistenni li se japplika qafas leġislattiv ġdid mill-1 ta' Jannar 2013, il-miżuri tekniċi li huma fis-seħħ bħalissa għandhom jibqgħu japplikaw sa dik id-data.

---

<sup>1</sup> ĠU L 347, 24.12.2009, p 6.

<sup>2</sup> Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 43/2009 tas- 16 ta' Jannar 2009 li jistabbilixxi għall-2009 l-opportunitajiet tas-sajd u l-kundizzjonijiet assoċjati għal ċerti stokkijiet tal-ħut u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet Komunitarji, għal bastimenti Komunitarji, f'ilmijiet fejn huma meħtieġa limiti tal-qbid (ĠU L 22, 26.1.2009, p. 1).

- (4) Konsegwentement, minħabba li l-miżuri tekniċi kontemporanji stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1288/2009 ser jiefqu japplikaw mill-1 ta' Lulju 2011, dak ir-Regolament għandu jiġi emendat sabiex il-validità tagħhom tiġġedded sal-31 ta' Diċembru 2012.
- (5) Il-kwoti tas-sajd għall-pixxitrombetta (Caproidae) ġew stabbiliti għall-ewwel darba skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 57/2011<sup>1</sup>. Hu għaldaqstant xieraq li jiġi ċċarat li l-pixxitrombetta tista' tiġi mmirata permezz ta' xbieki tat-tkaxkir b'daqs tal-malja li jvarja minn 32 sa 54 millimetru. Konsegwentement, l-Annessi I u II tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 850/98<sup>2</sup> għandhom jiġu emendati kif xieraq.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 57/2011 tat-18 ta' Jannar 2011 li jiffissa għall-2011 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-UE u, għal bastimenti tal-UE, f'ċerti ilmijiet mhux tal-UE (ĠU L 24, 27.1.2011, p. 1).

<sup>2</sup> ĠU L 125, 27.4.1998, p. 1.

### *Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 850/98 huwa b'dan emendat kif ġej:

1. FI-Anness I, fit-tabella, tiddaħħal il-partita:  
  
"Pixxitrombetta (Caproidae)", b'daqs tal-malja li jvarja minn 32 sa 54 millimetru u b'perċentwal minimu tal-ispeċi fil-mira ta' 90/60.
2. FI-Anness II, fit-tabella, tiddaħħal il-partita:  
  
"Pixxitrombetta (Caproidae)" b'daqs tal-malja li jvarja minn 32 sa 54 millimetru u b'perċentwal minimu tal-ispeċi fil-mira ta' 90%.

### *Artikolu 2*

Ir-Regolament (KE) 1288/2009 huwa b'dan emendat kif ġej:

1. L-Artikolu 1 huwa emendat kif ġej:
  - (a) fil-paragrafu 1, il-kliem "it-30 ta' Ġunju 2011" huma sostitwiti bil-kliem "il-31 ta' Diċembru 2012".

(b) il-paragrafu 2 huwa emendat kif ġej:

(i) il-punt (a) huwa emendat kif ġej:

- fil-punt (i) il-kliem "il-punt 6.8, it-tieni paragrafu" jitħassru;
- fil-punt (ii), il-kliem "mill-1 ta' Jannar 2010 sat-30 ta' Ġunju 2011" huma sostitwiti bil-kliem "mill-1 ta' Jannar 2010 sal-31 ta' Diċembru 2012";
- fil-punt (iv), il-kliem "it-30 ta' Ġunju 2011" huma sostitwiti bil-kliem "il-31 ta' Diċembru 2012";
- fil-punt (v), it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"L-Istati Membri kkonċernati għandhom jibagħtu rapport preliminari lill-Kummissjoni dwar l-ammont totali ta' qabdiet u rimi ta' bastimenti soġġetti għall-programm tal-osservaturi sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju tas-sena li fiha jiġi implimentat il-programm. Ir-rapport finali tas-sena kalendarja kkonċernata għandu jiġi mibgħut sa mhux iktar tard mill-1 ta' Frar tas-sena kalendarja li tiġi wara.";

– jiżdied il-punt (vi) li ġej:

"(vi) il-punt 6.8, it-tieni paragrafu, huwa sostitwit b'dan li ġej:

"L-Istati Membri kkonċernati għandhom jibagħtu r-riżultati tal-provi u tal-esperimenti lill-Kummissjoni sa mhux iktar tard mit-30 ta' Settembru tas-sena li fiha dawn ikunu twettqu.";

(ii) fil-punt (e), il-kliem "kemm fis-sena 2010 kif ukoll f'dik tal-2011" jitħassru;

(iii) fil-punt (h) is-sena "2010" titħassar.

2. Fl-Artikolu 2 il-kliem "it-30 ta' Ġunju 2011" huma sostitwiti bil-kliem "il-31 ta' Diċembru 2012".

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi

*Għall-Parlament Ewropew*

*Il-President*

*Għall-Kunsill*

*Il-President*